



Il-lista ta' entitajiet sinifikanti taħt superviżjoni u l-lista ta' istituzzjonijiet inqas sinifikanti

L-aħħar aġġornament: 16 ta' Marzu 2015

A. Lista ta' entitajiet sinifikanti taħt superviżjoni

Skont l-Artikolu 49(1) tar-Regolament (UE) Nru 468/2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/17)¹ (ir-Regolament Qafas tal-MSU), il-BĊE ppubblika lista bl-ismijiet tal-entitajiet taħt superviżjoni² u l-gruppi taħt superviżjoni³ li jidħlu fis-superviżjoni diretta tal-BĊE (“entità sinifikanti taħt superviżjoni” u “grupp sinifikanti taħt superviżjoni”), skont id-definizzjoni li tinsab fl-Artikolu 2, punti (16) u (22), tar-Regolament Qafas tal-MSU⁴), bir-raġunijiet speċifiċi għal din is-superviżjoni diretta u, fil-każ ta' klassifikazzjoni bħala sinifikanti abbażi tal-kriterju tad-daqs, bil-valur totali tal-assi tal-entità taħt superviżjoni jew tal-grupp taħt superviżjoni.

B. Lista ta' istituzzjonijiet inqas sinifikanti

Il-BĊE ppubblika wkoll il-lista ta' entitajiet taħt is-superviżjoni ta' awtorità nazzjonali kompetenti. Skont l-Artikolu 49(2) tar-Regolament Qafas tal-MSU, il-lista fiha l-ismijiet tal-entitajiet taħt superviżjoni li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 2, punt (20),⁵ u fl-Artikolu 2, punt (7),⁶ tar-Regolament Qafas tal-MSU, fejn huma msemmijin bħala “istituzzjonijiet inqas sinifikanti” bi qbil

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 468/2014 tas-16 ta' April 2014 tal-Bank Ċentrali Ewropew li jstabbilixxi l-qafas għal kooperazzjoni fi ħdan il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku bejn il-Bank Ċentrali Ewropew u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u ma' awtoritajiet nazzjonali nominati (Regolament Qafas tal-MSU) (BĊE/2014/17) (ĠU L 141, 14.5.2014, p. 1).

² “Entità taħt superviżjoni” tfisser waħda minn dawn li ġejjin: (a) istituzzjoni ta' kreditu stabbilita fi Stat Membru parteċipanti; (b) kumpanija azzjonarja (*holding*) finanzjarja stabbilita fi Stat Membru parteċipanti; (c) kumpanija azzjonarja (*holding*) finanzjarja mħallta stabbilita fi Stat Membru parteċipanti, sakemm tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 2, punt (21)(b), tar-Regolament Qafas tal-MSU; (d) fergħa stabbilita fi Stat Membru parteċipanti minn istituzzjoni ta' kreditu li tkun stabbilita fi Stat Membru mhux parteċipanti.

³ Skont id-definizzjoni li tinsab fl-Artikolu 2, punt (21), tar-Regolament Qafas tal-MSU.

⁴ “Entità sinifikanti taħt superviżjoni” tfisser kemm (a) entità sinifikanti taħt superviżjoni fi Stat Membru taż-żona tal-euro; kif ukoll (b) entità sinifikanti taħt superviżjoni fi Stat Membru parteċipanti barra ż-żona tal-euro. “Grupp sinifikanti taħt superviżjoni” tfisser grupp taħt superviżjoni li għandu l-istatus ta' grupp sinifikanti taħt superviżjoni skont deċiżjoni tal-BĊE abbażi tal-Artikolu 6(4) jew l-Artikolu 6(5)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63) (ir-Regolament MSU).

⁵ Ara n-nota 2 aktar 'il fuq.

⁶ “Entità inqas sinifikanti taħt superviżjoni” tfisser kemm (a) entità inqas sinifikanti taħt superviżjoni fi Stat Membru taż-żona tal-euro; kif ukoll (b) entità inqas sinifikanti taħt superviżjoni fi Stat Membru barra ż-żona tal-euro li jkun Stat Membru parteċipanti.



BANK ĊENTRALI EWROPEW

SUPERVIŻJONI BANKARJA

mal-Artikolu 6(4) tar-Regolament MSU, kif ukoll l-isem tal-awtorità nazzjonali kompetenti rilevanti. L-ismijiet immarkati b'asterisk (*) jirreferu għal entitajiet taħt superviżjoni li, għalkemm jissodisfaw wieħed mill-kriterji tar-Regolament MSU u għalhekk jikkwalifikaw bħala sinifikanti, ġew madankollu kklassifikati mill-BĊE bħala inqas sinifikanti minħabba ċirkostanzi partikolari skont il-ħames subparagrafu tal-Artikolu 6(4) tar-Regolament MSU u l-Artikolu 70 tar-Regolament Qafas tal-MSU.

Iż-żewġ lists jiġu aġġornati regolarment mill-BĊE. L-aħħar aġġornament jiġbor it-tagħrif mibgħut mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti sas-16 ta' Marzu 2015 u d-deċiżjonijiet rilevanti tal-BĊE adottati sa din id-data.